**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 294/2021 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**L-Avukat Maxilene Pace (detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 327386M) bhala mandatarja specjali ta' AT**

**Vs**

**U b'digriet tat-28 ta' Jannar 2022 gew mahtura Dr Victor Bugeja u PL Nicolette Aquilina bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti SK (detentrici tal-passaport T bin-numru X)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' AT datat 7 ta' Dicembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti hu mizzewweg lil ST nee K li ma toqghodx Malta u lanqas ma toqghodx f'pajjiz tal-Unjoni Ewropja, izda tghix fit-T u ghalhekk jehtiegu li jinhatru kuraturi sabiex jirrapprezentawha;*

2. *Illi z-zwieg tal-konjugi T gie ccelebrat nhar fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

3. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*

4. *Illi l-partijiet anki ghandhom is-separazzjoni tal-beni nhar il-hdax ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (11/07/2018);*

5. *Illi z-zwieg tal-konjugi tfarrak irrimedjabbilment minhabba ragunijiet li skond il-ligi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali;*

6. *Illi l-konvenuta rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija u theddid u ngurji ohra fil-konfront tal-istess attur u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

7. *Illi minhabba f'dan iz-zwieg bejn il-partjiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenuta;*

8. *Illi dan kollu ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

9. *Illi l-partijiet proprjeta mobbli u/jew immobli ma ghandhomx xejn flimkien;*

10. *Illi l-esponenti gie debitament awtorizzat biex jipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet moghti minn din il-wisq Onorabbli Qorti (Digriet tal-awtorizzazzjoni anness u mmarkat Dok JG2);*

*Tghid ghalhekk il-konvenuta l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuni u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza l-attur sabiex jghix separatament minn mal-konvenuta;*

2. *Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew*

*tippercepixxi manteniment minghand l-attur;*

3. *Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-attur;*

4. *Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lill-attur l-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-attur dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorendo bl-opera ta' perit nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti jekk ikun il-kaz;*

5. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

6. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn il-partijiet fil-nhar fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

7. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku;*

8. *Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku;*

Rat illi permezz ta' digriet datat 28 ta' Jannar 2022 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti SK.

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati (Vide Fol 45) fejn iddikjaraw li mhux detotti mill-fatti tal-kawza.

Rat il-verbal tas-27 t'April 2022 (Vide Fol 46) Dr Maxilene Pace iddikjarat li ma ghandhiex aktar

provi x'tipproduci.

Rat il-verbal tas-16 ta' Gunju 2022 fejn Dr Victor Bugeja, Kuratur Deputat, nforma lill-Qorti li ma rnexxielux jikkomunika mal-intimata u ghaldaqstant ma ghandux provi ulterjuri x'jipproduci u jistieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed permezz ta' affidavit *a fol 36 et seq*** fejn spjega illi huwa zzewweg lill-intimata nhar l-14 ta' Lulju 2018 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Illi huma kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fil-11 ta' Lulju 2018 u cioe ftit jiem qabel z-zwieg (vide fol 27, Dok MP2). L-attur jirrileva illi z-zwieg tfarrak b'mod irrimedjabbli ghaliex il-partijiet ma setghux jikkomunikaw ma' xulxin. Jishaq illi l-intimata kienet mara supperva u qatt ma setghu jirrangaw bejniethom. Huma kienu iltaqghu gewwa Thailand. Illi pero' l-intimata kienet giet mal-attur Malta diversi drabi qabel ma ddecidew li jizzewgu.

Illi sussegwentement kienu ddecidew li jizzewgu. Gara illi kif izzewwgu, lanqas baqghu jghixu bhala koppja; dwar tfal ma kienux jitkellmu ghaliex l-intimata kien diga kellha zewgt itfal ohra miz-zwieg precedenti. Illi filfatt l-intimata hija hames (5) snin ikbar mill-attur. Izid illi ghalkemm l-attur laqghaha mal-familjari tieghu anke mal-hbieb tieghu, l-intimata ma kienitx tipprova tissocjalizza u filfatt spiccaw firdietu minn ma' shabu ghaliex ma kienet taghmel l-ebda sforz biex tikkomunika maghhom. L-attur jixhed illi l-intimata kienet tkun dejjem imdejqa, u qatt ma rnexxilu jikkuntentaha, u jixtrilha x'jixtrilha dejjem riedet iktar. Izid illi minn naha l-ohra l-intimata kienet persuna li qatt ma kienet taf xi trid.

L-attur jispjega illi huwa jahdem barra minn Malta hafna drabi, u peress li huwa kien ikun qieghed barra minn Malta hafna mill-hin, ir-relazzjoni iddeterjorat aktar u minhabba l-attegjament tal-intimata, huma ma setghux jghixu hajja ta' kopja kif suppost, tant li spiccaw jorqdu separatament. Eventwalment, l-intimata telqet mill-pajjiz fiz-zmien il-pandemija ghaliex riedet tmur lura d-dar u kien halsilha l-passagg, izda minn hemm, l-attur qatt ma rega' kellu ahbarha. L-attur jikkonferma illi huma m'ghandhom l-ebda propjeta flimkien u lanqas m'ghandhom flus f'*joint account*. Fir-rigward id-dar matrimonjali huwa jirrileva illi din hija propjeta tieghu parafernali, bhal ma huma l-mmobbli li hemm fl-istess fond.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Lulju 2018 gewwa r-Registru Pubbliku l-Belt Valletta. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal. Illi tlett ijiem qabel iz-zwieg, fil-11 ta' Lulju 2018, fl-atti tan-Nutar Dr Melvin Polidano l-kontendenti ghazlu r-regime tas-separazzjoni ta-beni u dana kif jirrizulta mill-kuntratt Dok MP2 *a fol 27 et seq* tal-atti. Jidher illi fi zmien il-pandemija l-intimata telqet mid-dar matrimonjali lura ghat-Tajlandja, b'dana illi l-attur ma regax sema' b'ahbarha u ilhom *separati de facto* minn dakinhar.

Illi din il-Qorti rat illi minkejja tentattivi da parti tal-Kuraturi Deputati sabiex jaghmlu kuntatt mal-assenti intimata, dan kien kollu ghalxejn u filfatt ma tressqu l-ebda provi da parti tal-intimata. Illi filfatt kif accenat aktar qabel, fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2022, Dr Victor Bugeja nforma lil Qorti li m'ghandux provi ultejruri x'jipproduci.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipulaw kif segwenti:

> ***Art. 66A***
> ***(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jewb'sentenza.***
>
> ***2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta'sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.***
>
> ***(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 japplikaw mutatis mutandis. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qortifil-miftuħ.***

*(4) Il-qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju tindika b'mod ċar in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-partijiet, u, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*66B.* Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu,id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjoduta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sittxhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta',jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*
*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*
*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġinli kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dakordnat jew miftiehem*

***bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju lijoħorġu mil-liġi***

Rat ukoll l-artikolu 66(D) sub artikolu 3 u 4 u l-artikolu 66 (E):

***Art. 66D***

***(3) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista'tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni.***

***(4) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-qorti jkollha mutatis mutandis is-setgħat mogħtija lilha fis-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu għal dak illi jirrigwarda l-ordnijiet illi jkollha s-setgħa tagħti pendente lite.***

***66E. Mingħajr ħsara għal dak provdut fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, fejn il-qorti, fuq talba ta' waħda mill-partijiet issib illi l-parti l-oħra kienet ħatja li ġabet it-tifrik taż-żwieġ għar-raġunijiet maħsuba fl-artikoli 38, 40 u 41, il-qorti tista'tapplika mutatis mutandis kontra dik il-parti dak maħsub fl-artikolu 48.***

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba da parti tal-attur, sabiex din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni u tordna l-hall taz-zwieg tal-partijiet.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi mit-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur, l-attur qieghed jibbaza din l-istanza fuq l-artikolu 66(D)(3) su-citat aktar qabel. Illi f'talba numru sitta (6) fir-rikors promotur, l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti: *"Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn il-partijiet..."* Illi ghalhekk isegwi illi a bazi tal-artikolu 66(D)(3) l-attur qieghed flimkien mat-talba ghad-divorzju u cioe il-hall taz-zwieg tal-partijiet, qieghed ukoll

iressaq xi talbiet illi effettivament huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni, bhal dawk indikati minnu f'talbiet numru 1, 2, 3 u 4.

Il-Qorti tosserva illi l-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tirrikjedi illi f'kazijiet fejn il-partijiet ma jkunux diga' legalment separati, bhal partijiet fil-proceduri odjerni, il-proceduri jinbdew permezz ta' rikors u mhux ittra. Illi din il-Qorti rat illi fil-*proceduri de quo, l*-attur intavola ittra u mhux rikors. Illi l-Qorti tosserva ukoll illi fl-ittra *per se,* l-attur talab is-separazzjoni personali u mhux il-hall taz-zwieg. Illi sussegwentement pero' fir-rikors promotur huwa talab lil din il-Qorti tippronunzja ruhha fuq iz-zewg istituzzjonijiet. Illi in forza tad-digriet taghha datat 15 ta' Ottubru 2021, din il-Qorti kif preseduta awtorizzat lill-attur jipprocedi bil-proceduri gudizzjarji wara li ghalqet il-medjazzjoni, prevja li l-kontenut tal-ittra jigi konfermat bil-gurament. Illi din il-konferma bil-gurament sret minn Dr Maxilene Pace noe fl-24 ta' Novembru 2021, kif jidher minn fol 2 tal-atti tal-medjazzjoni annessi ma dawn l-atti.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu, il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat. Ma jistax ikun dubitat illi l-osservanzi tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawza u r-regolarita` taghha.

Illi pero' l-analisi ta' jekk din il-kondotta u l-evalwazzjoni ta' jekk in-nuqqasijiet li jirrizultaw kienux jimportaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet stipulati fin-normi procedurali li jirregolaw is-smiegh tal-kawza ghandu jsir oggettivament. Illi l-Qorti fic-cirkostanzi, fid-dawl ta' gurisprudenza li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat[1] u ta' dak li xehed l-attur, din il-Qorti tirrileva illi fid-dawl ta' dan kollu ma tqisx illi ghandha tiddikjara l-proceduri *de quo* monki u thalli lill-partijiet jibqghu marbuta fi zwieg li *de facto* ormai huwa prattiikament defunt.

**Ikkonsidrat:**

Illi da parti tieghu l-attur jishaq z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment u illi l-konvenuta rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli permezz ta' sevizzi, mohqrija u theddid u ngurji.

---

[1] Vide *inter alia* gurisprudenza tal-Imhallef Raymond C Pace, u dik tal-Imhallef Philip Sciberras fosthom: Untours Insurance Limited vs Gauci Maria Lourdes deciza 10/07/2003 Qorti tal-Appell (Sede Infejuri).

Fir-rigward ta' sevizzi, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li***

> ***minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi minn dak li xehed l-attur fl-affidavit tieghu fir-rigward tal-imgieba lamentata minnu ta' martu, tali imgieba ma tinkwadrax ruhha prettament fl-insenjamenti su citati. Din il-Qorti taghraf pero illi l-konvenuta effettivament qabdet u telqet barra mill-pajjiz bl-iskuza li riedet tmur lura d-dar, b'dana illi minn dakinhar l-hemm, l-attur ma regax semgha b'ahbarha. Dan jinkwadra ruhu fil-perametri tal-artiklu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tqisx illi l-konvenuta hija hatja ta' sevizzi, eccessi izda l-abbandun u l-konsegwenzi horox tieghu, certament jikkostataw ingurji gravi. Maghdud dan pero', din il-Qorti tara illi l-artiklu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti lil din il-Qorti il-fakulta illi tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment (anke jekk l-ebda waħda mill-kontendenti ma tkun għamlet talba, għal dik ir-raġuni.) Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti jirrizulta b'mod lampanti illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li l-ħajja konjugali flimkien m'ghadhiex aktar possibbli.

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti hawn fuq, tqis illi d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma applikabbli kontra l-intimata.

Illi din il-Qorti fid-dawl tax-xhieda tal-attur, tqis illi ma jirrizulta ebda oggett parafernali jew dotali illi l-intimata ghandha tirrestitwixxi lill-attur stante illi mix-xhieda tal-attur stess jirrizulta

illi huwa baqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali li hija propjeta parafernali tieghu u fil-pussess totali tal-mobbli kollha li hemm fid-dar matrimonjali li huma wkoll il-proprjeta parafernali tieghu.

Illi ukoll, din il-Qorti rat illi l-artikolu 66G tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

***(1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti–***

***(a) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(b) jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju.***

***(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:***

***(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1); jew***

***(b) fejn il-miżżewġin ikunu separati b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat minn kopja legali tal-istess sentenza ta' separazzjoni jew, fejn il-miżżewġin ikunu separatI b'kuntratt, ikun akkumpanjat minn kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali:***

***Iżda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-każ ta'divorzju ma jkunx ippreżenta n-nota imsemmija, il-kopja tas-sentenza ta' separazzjoni jew tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, kif ikun il-każ, l-avukat għandu jippreżenta dawn id-dokumenti fil-qorti sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża:***

***Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "ir-rikorrent"tfisser persuna li tagħmel rikors, qed tħejji rikors jew bi ħsiebha tagħmel rikors lill-qorti għall-ksib tad-divorzju.***

Il-Qorti tirrileva illi n-nota rikjesta mill-ligi ai termini tal-artikolu 66 G (2) (a) tal-Kap 16 giet prezentat mill-avukat difensur tal-attur u tinsab a fol 52 tal-atti. Illi pero' il-Qorti tirrileva illi din n-nota giet prezentata tardivament, stante li giet intavolata nhar it-tnax (12) ta' Jannar elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u mhux sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża kif tezigi l-ligi, u dana sehh biss wara li l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet fuq il-bzonn li jirregolaw fuq din il-materja Illi kif diga inghad aktar kmieni, filwaqt illi din il-Qorti tqis illi hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu, il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat. Din il-Qorti tirrileva illi t-tardivita' tal-prezentata tan-nota in kwistjoni mhijiex ser tintralcja b'xi mod il-process gudizzjarju odjern jew tohloq pregudizzju lill-partijiet u ghalhekk m'ghandhiex tkun ostaklu ghall-Qorti sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni u tghaddi ghas-sentenza.

Illi din il-Qorti rat illi mill-atti jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati de facto ghal tul ta' zmien rikjest mill-ligi, illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta manteniment bejn il-kontendenti u ukoll li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk tordna l-hall taz-zwieg.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza l-attur sabiex jghix separatament minn mal-konvenuta;**

2. **Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-attur;**

3. **Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-attur;**

4. **Tastjeni milli tiehu konjzzjoni tar-raba talba stante illi jirrizulta mill-provi illi l-beni parafernali u dotali tieghu huma kollha fil-pussess tal-attur;**

5. **Tastjeni milli tiehu konjzzjoni tat-talba ghan-nomina ta' Nutar Pubbliku u Kuraturi Deputati il-ghaliex ma hemmx htiega tal-istess;**

6. **Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti liema zwieg kien iccelebrat fil-14 ta' Lulju 2018 liema zwieg jgib certifikat numru 2064/2018;**

7. **Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku;**

8. **Tastjeni milli tiehu konjizzoni tat-tmien talba stante li hija kontenuta fis-sebgha decide.**

**Bi spejjes kontra l-intimata noe li provizorjament jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**